2024/2031

29.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2031

tas-26 ta' Lulju 2024

dwar il-mudell għall-pjanijiet ta' monitoraġġ skont ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(4)tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikoli 8(1) u (3) tar-Regolament (UE) 2023/1805, il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-verifikatur pjan ta' monitoraġġ li jikkonsisti minn dokumentazzjoni kompluta u trasparenti dwar il-metodu ta' monitoraġġ u rapportar li għandu jiġi applikat għal kull bastiment li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1805.

(2) Sabiex jiġi żgurat li dawk il-pjanijiet ta' monitoraġġ jiġu ppreżentati u rreġistrati b'mod elettroniku u li jkun fihom l-informazzjoni kompluta u standardizzata li tippermetti l-implimentazzjoni uniformi tal-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar tal-kumpaniji, jenħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet għall-mudelli elettroniċi, inklużi regoli tekniċi għall-applikazzjoni uniformi tagħhom.

(3) Il-mudell għall-pjan ta' monitoraġġ jenħtieġ li jinkludi tal-anqas l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2023/1805.

(4) Meta jipprovdu informazzjoni dwar l-elementi u l-proċeduri bħala parti mill-pjan ta' monitoraġġ, il-kumpaniji jenħtieġ li jkunu jistgħu jirreferu wkoll għall-proċeduri jew għas-sistemi implimentati b'mod effettiv bħala parti mis-sistemi eżistenti ta' ġestjoni tagħhom, bħall-Kodiċi Internazzjonali tal-Ġestjoni tas-Sikurezza (il-Kodiċi ISM) ([2]) u l-Pjan dwar il-Ġestjoni tal-Effiċjenza Enerġetika tal-Bastimenti (SEEMP) ([3]), jew għas-sistemi u l-kontrolli koperti minn standards uniformi tal-ġestjoni tal-kwalità, tal-ġestjoni ambjentali jew tal-ġestjoni tal-enerġija, bħall-istandards EN ISO 9001:2015, EN ISO 14001:2015 u EN ISO 50001:2011. F'każijiet bħal dawn jew meta l-proċeduri rilevanti jkunu diġà deskritti fi proċeduri bil-miktub stabbiliti, il-pjanijiet ta' monitoraġġ jenħtieġ li jitħallew jinkludu deskrizzjoni qasira jew sommarju ta' tali proċeduri.

(5) Skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2023/1805, ladarba l-pjan ta' monitoraġġ u l-pjan ta' monitoraġġ modifikat ikunu ġew ivvalutati b'mod sodisfaċenti, il-verifikatur irid jirreġistrahom fil-bażi tad-*data* FuelEU, sistema ta' informazzjoni tal-Unjoni ddedikata żviluppata u mħaddma mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, li tirreġistra l-prestazzjoni ta' kull vapur. Il-pjan ta' monitoraġġ u l-pjan ta' monitoraġġ modifikat iridu jkunu aċċessibbli għall-Istat amministrattiv kif meħtieġ mill-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2023/1805.

(6) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-partijiet affettwati dwar l-aħjar prattika marbuta mal-kwistjonijiet li jittratta dan ir-Regolament. Il-konsultazzjoni saret permezz tas-Sottogrupp dwar Enerġija Alternattiva Sostenibbli għat-Tbaħħir stabbilit fil-kuntest tal-Forum Ewropew dwar it-Trasport Marittimu Sostenibbli.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti,

([1]) ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1805/oj.
([2]) Adottat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) permezz tar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea A.741(18).
([3]) Ir-Regolament 22 ta' MARPOL l-Anness VI.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mudell tal-pjan ta' monitoraġġ

1. Għall-finijiet tas-sottomissjoni tal-pjan ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2023/1805, il-kumpaniji għandhom jużaw verżjoni elettronika tal-mudell fl-Anness ta' dan ir-Regolament li se tkun aċċessibbli fil-bażi tad-*data* FuelEU.

2. Għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ ivvalutat fil-bażi tad-*data* FuelEU skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2023/1805, il-verifikaturi għandhom jużaw verżjoni elettronika tal-mudell tal-pjan ta' monitoraġġ stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

IL-MUDELL GĦALL-PJANIJIET TA' MONITORAĠĠ

PARTI A

SKEDA TA' REĠISTRAZZJONI TA' REVIŻJONI

Numru tal-verżjoni	Data ta' referenza	Status fid-data ta' referenza (1)	Referenza għall-Kapitoli li fihom saru r-reviżjonijiet jew l-emendi u spjegazzjoni qasira tal-bidliet

(1) Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Abbozz ta' ħidma", "Taħt reviżjoni", "Abbozz finali sottomess lill-verifikatur", "Ivvalutat mill-verifikatur".

PARTI B

***DATA* BAŻIKA**

Tabella B.1.

Identifikazzjoni tad-dettalji tal-vapur u tas-sid ta' vapur

Isem il-vapur	
Numru ta' identifikazzjoni tal-IMO tal-vapur	
Port tar-reġistrazzjoni	
Port tar-ritorn (jekk dan ma jkunx l-istess bħall-port tar-reġistrazzjoni)	
Isem sid il-vapur (1)	
Numru tat-taxxa ta' sid il-vapur (informazzjoni volontarja)	
Persuna ta' kuntatt ta' sid il-vapur (informazzjoni volontarja)	
Indirizz (informazzjoni volontarja)	
Belt (informazzjoni volontarja)	
Stat/Provinċja/Reġjun (informazzjoni volontarja)	
Numru tat-telefown (informazzjoni volontarja)	
Indirizz tal-posta elettronika (informazzjoni volontarja)	
Numru Uniku ta' Identifikazzjoni tal-IMO tal-Kumpanija u tas-Sid Irreġistrat tas-sid irreġistrat (2)	
Pajjiż tar-reġistrazzjoni tas-sid irreġistrat (1)	
Tip tal-vapur (3)	
Piż mejjet (f'tunnellati metriċi)	
Tunnellaġġ Gross	
Soċjetà ta' klassifikazzjoni (informazzjoni volontarja)	
Klassi tas-silġ (informazzjoni volontarja) (4)	
Stat tal-Bandiera (informazzjoni volontarja)	
Effiċjenza Teknika (informazzjoni volontarja) (5)	
Kamp tad-deskrizzjoni miftuħ għal informazzjoni addizzjonali volontorja dwar il-karatteristiċi tal-vapur (6)	

(1) Kif irreġistrat taħt l-Iskema ta' Numru Uniku ta' Identifikazzjoni tal-IMO tal-Kumpanija u tas-Sid Irreġistrat
(2) Is-Sid Irreġistrat huwa s-sid speċifikat fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' vapur.

(3) Għażel waħda mill-kategoriji li ġejjin: “Vapur tal-passiġġieri”, “Vapur ro-ro”, “Bastiment tal-kontejners”, “Tanker taż-żejt”, “Tanker tas-sustanzi kimiċi”, “Trasportatur tal-LNG”, “Tanker tal-gass”, “Trasportatur ta’ tagħbija bl-ingrossa”, “Bastiment ta’ merkanzija ġenerali”, “Bastiment refriġeratur”, “Trasportatur tal-vetturi”, “Trasportatur ikkombinat”, “Vapur ro-ro tal-passiġġieri”, “Bastiment tal-kontejners/tal-vetturi”, “Tipi ta’ vapuri oħrajn”. Taħt il-kategorija “Bastiment tal-passiġġieri”, jenħtieġ li jiġi inkluż is-subtip “Bastiment tal-Kruċiera”. (4) Obbligatorju jekk il-kumpanija titlob li teskludi l-enerġija addizzjonali minħabba l-klassi tas-silġ tal-vapur u/jew minħabba tbaħħir f’kundizzjonijiet ta’ silġ mill-kalkolu tal-bilanċ ta’ konformità stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2023/1805. Għażel waħda mill-Klassijiet Polari PC1 — PC7 jew waħda mill-Klassijiet tas-Silġ Finlandiżi u Żvediżi (IC, IB, IA jew IA Super). Sabiex tiġi stabbilita l-korrispondenza bejn il-klassijiet tas-silġ, għandha tintuża r-Rakkomandazzjoni 25/7 tal-HELCOM. (5) Jenħtieġ li l-vapuri jirrapportaw l-indiċi tal-Effiċjenza Teknika EEDI jew EEXI, u jekk dan ma jeżistix, jista’ jiġi rrapportat l-EIV. (6) Hawnhekk tista’ tiddaħħal persuna ta’ kuntatt addizzjonali.	

Tabella B.2.

Informazzjoni dwar il-kumpanija

Isem tal-kumpanija	
Natura tal-kumpanija (1)	
Numru Uniku ta’ Identifikazzjoni tal-IMO tal-Kumpanija u tas-Sid Irreġistrat tal-kumpanija (2)	
Pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija (3)	
Numru tat-taxxa tal-kumpanija (informazzjoni volontarja)	
Persuna ta’ kuntatt	
Indirizz	
Belt	
Stat/Provinċja/Reġjun	
Kodiċi postali/ZIP	
Pajjiż	
In-numru tat-telefon	
Indirizz tal-posta elettronika	

(1) Il-Kumpaniji jistgħu jagħżlu waħda milli ġejjin: “Sid ta’ vapur u Kumpanija ISM”, “Kumpanija ISM distinta mis-Sid ta’ vapur”.
(2) In-numru ta’ identifikazzjoni kif irreġistrat taħt l-Iskema tan-Numru Uniku ta’ Identifikazzjoni tal-IMO tal-Kumpanija u tas-Sid Irreġistrat.
(3) Il-pajjiż tar-reġistrazzjoni għandu jkun identiku għall-pajjiż tar-reġistrazzjoni kif irreġistrat taħt l-Iskema tan-Numru Uniku ta’ Identifikazzjoni tal-IMO tal-Kumpanija u tas-Sid Irreġistrat.

Tabella B.3.

Deskrizzjoni tal-Konsumaturi tal-Fjuwil

Numru tal-Unità tal-konsum tal-fjuwil	Isem l-unità tal-konsum tal-fjuwil	Tip ta' konsumatur tal-fjuwil (1)	Klassi tal-unità tal-konsum tal-Fjuwil (2)	Deskrizzjoni teknika l-unità tal-konsum tal-fjuwil (prestazzjoni/potenza, konsum speċifiku taż-żejt tal-fjuwil (SFOC), sena tal-installazzjoni, numru ta' identifikazzjoni fil-każ ta' bosta sorsi ta' emissjonijiet identiċi, eċċ. (3)	Tipi ta' fjuwil (potenzjali) użati (4)

(1) Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Magni prinċipali", "Magni awżiljarji", "Turbini tal-gass", "Bojlers", "Ġeneraturi tal-gassijiet inerti", "Ċelloli tal-fjuwil", "Inċineraturi tal-iskart", "Oħrajn".

(2) ICE (ieħor), LNG Otto (veloċità medja b'żewġ tipi ta' fjuwil), LNG Otto (veloċità bil-mod b'żewġ tipi ta' fjuwil), Diżil tal-LNG (veloċità bil-mod b'żewġ tipi ta' fjuwil), LBSI, Turbina tal-gass, Bojlers, Ċelloli tal-Fjuwil, Inċineraturi tal-Iskart, ġeneraturi tal-Gassijiet Inerti.

(3) Tista' tinkludi n-numru ta' identifikazzjoni f'każ ta' bosta sorsi ta' emissjoni identiċi. Jenħtieġ li jintuża l-valur tal-prestazzjoni/potenza tal-MCR speċifikat fiċ-ċertifikat tal-EIAPP. Jekk il-konsumatur tal-fjuwil ma jkunx meħtieġ li jkollu ċertifikat tal-EIAPP, jenħtieġ li jintuża li l-MCR fuq il-pjanċa tal-isem.

(4) Agħżel tal-inqas waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Żejt tal-Fjuwil Tqil (HFO)", "Żejt tal-Fjuwil Ħafif (LFO)", "Żejt tal-Gass/Żejd Diżil (MDO/MGO)", "Gass Likwifikat miż-Żejt (Propan, LPG)", "Gass Likwifikat miż-Żejt (Butan, LPG)", "Gass Likwifikat miż-Żejt (LNG)", "H2 (Fossili)", "NH3 (Fossili)", "Metanol (Fossili)", "Etanol", "Bijodiżil", "Żejt Veġetali Idrotrattat", "Bijometan likwifikat bħala fjuwil tat-trasport (Bijo-LNG)", "Bijometanol", "Bijofjuwil Ieħor", "Bijo-H2", "e-diżil", "e-metanol", "e-LNG", "e-H2", "e-NH3", "e-LPG", "E-DME", "Fjuwil ieħor mhux fossili".

Tabella B.4.

Tagħmir li jippermetti konnessjoni ma' provvista tal-enerġija fuq l-art (1)

Numru ta' referenza tat-tagħmir tal-OPS	Tagħmir OPS (isem, tip)	Deskrizzjoni teknika tal-vultaġġ u frekwenza speċifikati tat-tagħmir tal-OPS, inkluż il-ger speċifikat fl-IEC/IEEE 80005-1 (Vultaġġ Għoli) u IEC/IEEE 80005-3 (Vultaġġ Baxx) u l-pożizzjoni abbord	Standards (2)

(1) Obbligatorju biss għall-bastimenti tal-kontejners u l-vapuri tal-passiġġieri.

(2) IEC/IEEE 80005-1 (Vultaġġ Għoli) u IEC/IEEE 80005-3 (Vultaġġ Baxx)

Tabella B.5.

Teknoloġija b'emissjonijiet żero (ZET) (1)

Numru ta' referenza tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero	Teknoloġija b'emissjonijiet żero (isem, tip) (2)	Deskrizzjoni teknika ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero (3)

(1) Obbligatorju biss għall-bastimenti tal-kontejners u l-vapuri tal-passiġġieri li ma jużawx provvista tal-enerġija fuq l-art.

(2) Iċ-ċelloli tal-fjuwil, il-ħżin tal-enerġija elettrika abbord mill-ġenerazzjoni tal-enerġija fuq il-baħar, il-ħżin tal-enerġija elettrika abbord mill-OPS, il-ħżin tal-enerġija elettrika abbord mit-tpartit ta' batteriji, il-ġenerazzjoni tal-enerġija abbord mir-riħ jew mill-ġenerazzjoni tal-enerġija abbord mill-enerġija solari.

(3) Deskrizzjoni teknika tal-potenza nominali.

Tabella B.6.

Domanda totali stabbilita għall-potenza elettrika tal-vapur irmiġġat ([1]) ([2])

Id-domanda totali stabbilita għall-potenza elettrika tal-vapur irmiġġat (kW)	Sors tad-*Data*

([1]) Obbligatorju biss għall-bastimenti tal-kontejners u l-vapuri tal-passiġġieri.
([2]) Kif previst fil-Bilanċ tat-tagħbija elettrika jew fl-Istudju dwar it-Tagħbija Elettrika tiegħu li juża biex juri l-konformità mar-Regolamenti 40 u 41 tal-Kapitolu II-1 tal-Konvenzjoni SOLAS. F'każ li l-bastiment ma jkunx jista' jipprovdi din ir-referenza, il-valur ikkunsidrat ikun 25 % tat-total tal-klassifikazzjonijiet kontinwi massimi tal-magni ewlenin tal-bastiment kif speċifikat fiċ-ċertifikat EIAPP tagħhom mogħti b'applikazzjoni tal-Konvenzjoni MARPOL jew, fuq il-pjanċa tal-isem tal-magni, jekk il-magni ma jkunux meħtieġa li jkollhom ċertifikat EIAPP.

Tabella B.7.

Deskrizzjoni tas-sistemi ta' Propulsjoni Assistita mir-Riħ (WAPS) (meta applikabbli)

Numru ta' referenza tal-WAPS	WAPS (isem, tip) ([1])	Data tal-installazzjoni tal-WAPS	Deskrizzjoni teknika tal-WAPS	Pwind ([2])	Pprop ([2])

([1]) Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: qlugħ rotor, tjur, qlugħ iebes jew riġidu, qlugħ artab, ġwienaħ tal-ġbid, turbini, WAPS oħrajn.
([2]) Kif definit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/1805, jekk applikabbli.

Tabella B.8.

Proċeduri, sistemi u responsabbiltajiet użati biex tiġi aġġornata l-kompletezza tal-lista ta' konsumaturi tal-fjuwil, tagħmir tal-OPS, teknoloġija b'emissjonijiet żero u WAPS

Titlu tal-proċedura	Ġestjoni tal-kompletezza tal-lista ta' konsumaturi tal-fjuwil, tagħmir OPS, teknoloġija b'emissjonijiet żero u WAPS
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella B.9.

Proċeduri għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-fatturi ta' emissjoni well-to-tank u tank-to-wake tal-enerġija li għandha tintuża abbord, f'konformità mal-metodi speċifikati fl-Artikolu 10 u fl-Annessi I u II

Titlu tal-proċedura	Monitoraġġ u rapportar tal-fatturi ta' emissjoni well-to tank u tank-to-wake tal-enerġija li għandha tintuża abbord
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

PARTI C

DATA DWAR L-ATTIVITÀ

C.1. *Monitoraġġ tal-konsum tal-enerġija*

Tabella C.1.1.

Metodi li ntużaw biex jiġi stabbilit il-konsum ta' kull konsumatur tal-fjuwil:

Numru tal-unità tal-konsum tal-fjuwil ([1])	Isem l-unità tal-konsum tal-fjuwil	tip ta' konsumatur tal-fjuwil ([2])	Metodu ta' monitoraġġ ([3])

([1]) Kif irrapportat fit-tabella B.3.

([2]) Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Magni prinċipali", "Magni awżiljarji", "Turbini tal-gass", "Bojlers", "Ġeneraturi tal-gassijiet inerti", "Ċelloli tal-fjuwil", "Inċineraturi tal-iskart", "Oħrajn".

([3]) Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin jew aktar "Metodu A: BDN u inventarji perjodiċi tat-tankijiet tal-fjuwil", "Metodu B: Monitoraġġ abbord tat-tank tal-fjuwil tal-bastimenti", "Metodu C: Miters tal-fluss għall-proċessi ta' kombustjoni applikabbli" jew "Metodu D: Kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra diretti ta' CO_2". Meta jintuża Metodu D, il-konsum tal-fjuwil għandu jiġi kkalkolat permezz tal-emissjonijiet imkejla ta' CO_2. Il-korrezzjoni għandha tiġi pprovduta fil-każijiet kollha fejn għandhom jitqiesu l-emissjonijiet mhux maħruqa tal-fjuwil gassuż. Dan huwa l-każ fejn il-valuri C_{slip} huma definiti fit-tabella tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2023/1805.

Tabella C.1.2.

Proċeduri biex jiġi ddeterminat il-fjuwil maħżun u l-fjuwil fit-tankijiet

Titlu tal-proċedura	Determinazzjoni tal-fjuwil maħżun u tal-fjuwil fit-tankijiet
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	

Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella C.1.3.

Kontroverifiki regolari bejn il-kwantità ta' fjuwil maħżun mogħtija fil-BDN u l-kwantità ta' fjuwil maħżun indikata mill-kejl abbord:

Titlu tal-proċedura	Kontroverifiki regolari bejn il-kwantità ta' fjuwil maħżun mogħtija fil-BDNs u l-kwantità ta' fjuwil maħżun indikata mill-kejl abbord
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	

Tabella C.1.4.

Metodu għad-determinazzjoni tad-densità tal-fjuwil

Tip/tank tal-fjuwil	Metodu biex jiġu ddeterminati l-valuri reali tad-densità tal-fjuwil maħżun ([1])	Metodu biex jiġu ddeterminati l-valuri reali tad-densità tal-fjuwil fit-tankijiet ([2])

([1]) Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Tagħmir tal-kejl li jinsab abbord", "Test tal-fornitur tal-fjuwil" jew "Test fil-laboratorju".
([2]) Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Tagħmir tal-kejl", "Test tal-fornitur tal-fjuwil" jew "Test fil-laboratorju".

Tabella C.1.5.

Livell ta' inċertezza marbut mal-monitoraġġ tal-fjuwil

Metodu ta' monitoraġġ ([1])	Approċċ użat ([2])	Valur tal-inċertezza

([1]) Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin jew aktar: "Metodu A: BDN u inventarji perjodiċi tat-tankijiet tal-fjuwil", "Metodu B: Monitoraġġ abbord tat-tank tal-fjuwil tal-bastimenti", "Metodu C: Miters tal-fluss għall-proċessi ta' kombustjoni applikabbli" jew "Metodu D: Kejl dirett tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra"
([2]) Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Valur prestabbilit" jew "Stima speċifika għall-vapur".

Tabella C.1.6.

Proċeduri għall-monitoraġġ tal-enerġija pprovduta mill-provvista tal-enerġija fuq l-art (OPS) (fejn applikabbli)

Titlu tal-proċedura	Monitoraġġ tal-enerġija pprovduta mill-provvista tal-enerġija fuq l-art (OPS)
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	

Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella C.1.7.

Proċeduri għall-monitoraġġ tal-enerġija pprovduta minn teknoloġija b'emissjonijiet żero (fejn applikabbli)

Titlu tal-proċedura	Monitoraġġ tal-enerġija pprovduta minn teknoloġija b'emissjonijiet żero
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella C.1.8.

Proċeduri għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil ta' kull Konsumatur tal-fjuwil meta jbaħħru f'kundizzjonijiet ta' silġ ([1])

Titlu tal-proċedura	Monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil ta' kull konsumatur tal-fjuwil meta jbaħħru f'kundizzjonijiet ta' silġ
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

([1]) Obbligatorju jekk il-kumpanija titlob li teskludi l-enerġija addizzjonali użata minħabba t-tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ mill-kalkolu tal-bilanċ ta' konformità stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2023/1805.

C.2. ***Proċeduri ġenerali għall-kejl***

Tabella C.2.1.

Deskrizzjoni tal-istrumenti tal-kejl involuti

Tagħmir tal-kejl (isem)	Elementi applikati għal (eż. unitajiet tal-konsum tal-fjuwil, tankijiet, sorsi alternattivi tal-enerġija jew teknoloġija b'emissjonijiet żero)	Deskrizzjoni teknika (speċifikazzjoni, età, metodi u intervalli ta' kalibrar, intervalli ta' manutenzjoni)

Tabella C.2.2.

Proċeduri sabiex tiġi rreġistrata, irkuprata, trażmessa u maħżuna l-informazzjoni dwar il-kejl

Titlu tal-proċedura	Reġistrazzjoni, irkupru, trażmissjoni u ħżin tal-informazzjoni dwar il-kejl
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella C.2.3.

Proċeduri biex tiġi żgurata l-garanzija tal-kwalità tat-tagħmir tal-kejl

Titlu tal-proċedura	Żgurar tal-garanzija tal-kwalità tat-tagħmir tal-kejl
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

C.3. ***Navigazzjoni***

Tabella C.3.1.

Proċeduri għad-determinazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-lista ta' vjaġġi

Titlu tal-proċedura	Reġistrazzjoni u salvagwardja tal-kompletezza tal-vjaġġi
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċeduri (inklużi r-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, il-ġestjoni tal-vjaġġi eċċ.) (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra mill-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Sorsi tad-*data*	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella C.3.2.

Proċeduri għad-determinazzjoni u r-reġistrazzjoni tad-Distanza vvjaġġata ([1])

Titlu tal-proċedura	Reġistrazzjoni u determinazzjoni tad-distanza għal kull vjaġġ magħmul
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċeduri (inklużi r-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni dwar id-distanza) (deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra mill-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Sorsi tad-*data*	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

([1]) Obbligatorju jekk il-kumpanija titlob li teskludi l-enerġija addizzjonali użata minħabba t-tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ mill-kalkolu tal-bilanċ ta' konformità stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2023/1805.

Tabella C.3.3

Proċeduri għad-determinazzjoni u r-reġistrazzjoni tad-data, il-ħin u l-pożizzjoni tal-bidu u t-tmiem tat-tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ, id-distanza koperta waqt tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ [1]

Titlu tal-proċedura	Determinazzjoni u reġistrazzjoni tad-distanza koperta waqt il-vjaġġ meta l-bastiment ikun qiegħed ibaħħar fis-silġ
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċeduri (inkluża r-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni dwar id-distanza u l-kundizzjonijiet tax-xitwa) (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra mill-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Formoli u sorsi tad-*data*	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

[1] Obbligatorju jekk il-kumpanija titlob li teskludi l-enerġija addizzjonali użata minħabba t-tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ mill-kalkolu tal-bilanċ ta' konformità stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2023/1805.

Tabella C.3.4.

Proċeduri biex jiġi ddeterminat u rreġistrat il-ħin imqatta' fuq il-baħar u fl-irmiġġ [1]

Titlu tal-proċedura	Determinazzjoni u reġistrazzjoni tal-ħin imqatta' fuq il-baħar mill-irmiġġ fil-port tat-tluq sal-irmiġġ fil-port tal-wasla, il-ħin imqatta' fl-irmiġġ (mal-moll u fl-ankraġġ)
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċeduri (inkluż r-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni dwar it-tluq u l-wasla fil-port) (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra mill-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Formoli u sorsi tad-*data*	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

[1] "bastiment fl-irmiġġ" tfisser bastiment li jkun irmiġġat jew ankrat b'mod sikur f'port li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru waqt li jkun qed jgħabbi, iħott jew jakkomoda persuni, inkluż il-ħin li fih ma jkunx involut fl-operazzjonijiet ta' merkanzija; "bastiment fl-ankraġġ" tfisser bastiment fl-irmiġġ li ma jkunx irmiġġat mal-moll; "vjaġġ" tfisser kwalunkwe moviment ta' bastiment li joriġina minn port, jew jispiċċa f'port ta' waqfa u li jaqdi l-funzjoni ta' trasport ta' passiġġieri jew merkanzija għal finijiet kummerċjali.

PARTI D

LAKUNI FID-*DATA*

Tabella D.1.

Il-metodi li għandhom jintużaw biex tingħata stima tal-konsum tal-fjuwil

Titlu tal-metodu	Il-metodu li għandu jintuża biex tingħata stima tal-konsum tal-fjuwil
Metodu ta' monitoraġġ ta' riżerva ([1])	
Formoli użati	
Deskrizzjoni tal-metodu użat biex tingħata stima tal-konsum tal-fjuwil	
Isem il-persuna responsabbli għal dan il-metodu jew il-kariga tagħha	
Sorsi tad-*data*	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

([1]) Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Metodu A: BDN u inventarji perjodiċi tat-tankijiet tal-fjuwil", "Metodu B: Monitoraġġ abbord tat-tank tal-fjuwil tal-bastimenti", "Metodu C: Flussimetri għall-proċessi ta' kombustjoni applikabbli", "Metodu D: Kejl dirett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra" jew "Mhux applikabbli". Il-kategorija magħżula trid tkun differenti mill-kategorija magħżula għall-kolonna msejħa "Metodi magħżulin għall-konsum tal-fjuwil" fit-tabella C.1.1. (Monitoraġġ tal-konsum tal-enerġija — Metodi użati biex jiġi ddeterminat il-konsum tal-fjuwil ta' kull Konsum tal-Fjuwil).

Tabella D.2.

Metodi li għandhom jintużaw biex jiġi stmat il-konsum tal-enerġija mill-OPS u miż-ZET (fejn applikabbli)

Titlu tal-metodu	Il-metodu li għandu jintuża biex tingħata stima tal-konsum tal-fjuwil
Metodu ta' monitoraġġ ta' riżerva	
Formoli użati	
Deskrizzjoni tal-metodu użat biex tingħata stima tal-konsum tal-enerġija	
Isem il-persuna responsabbli għal dan il-metodu jew il-kariga tagħha	
Sorsi tad-*data*	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella D.3.

Metodi li għandhom jintużaw biex jiġu indirizzati l-lakuni fid-*data* dwar id-distanza li tkun saret waqt il-vjaġġ

Titlu tal-metodu	Metodu biex jiġu indirizzati l-lakuni fid-*data* dwar id-distanza vvjaġġata
Formoli użati	
Deskrizzjoni tal-metodu użat biex jiġu indirizzati l-lakuni fid-*data*	
Isem il-persuna responsabbli għal dan il-metodu jew il-kariga tagħha	
Sorsi tad-*data*	
Post fejn jinżammu r-reġistri	

Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella D.4.

Metodi li għandhom jintużaw biex jiġu ttrattati l-lakuni fid-*data* rigward id-data, il-ħin u l-pożizzjoni tal-bidu u t-tmiem tat-tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ, id-distanza koperta waqt tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ

Titlu tal-metodu	Il-metodu biex jiġu ttrattati l-lakuni fid-*data* rigward id-data, il-ħin u l-pożizzjoni tal-bidu u t-tmiem tat-tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ, id-distanza koperta waqt tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ
Formoli użati	
Deskrizzjoni tal-metodu użat biex jiġu indirizzati l-lakuni fid-*data*	
Isem il-persuna responsabbli għal dan il-metodu jew il-kariga tagħha	
Sorsi tad-*data*	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella D.5.

Metodi li għandhom jintużaw biex jiġu ttrattati l-lakuni fid-*data* dwar il-ħin imqatta' fuq il-baħar u l-ħin imqatta' fl-irmiġġ (mal-moll u fl-ankraġġ) (fejn applikabbli)

Titlu tal-metodu	Il-metodu biex jiġu ttrattati l-lakuni fid-*data* rigward il-ħin imqatta' fuq il-baħar u l-ħin imqatta' fl-irmiġġ (mal-moll u fl-ankraġġ)
Formoli użati	
Deskrizzjoni tal-metodu użat biex jiġu indirizzati l-lakuni fid-*data*	
Isem il-persuna responsabbli għal dan il-metodu jew il-kariga tagħha	
Sorsi tad-*data*	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

PARTI E

ĠESTJONI

Tabella E.1.

Verifika regolari ta' kemm huwa adegwat il-pjan ta' monitoraġġ

Titlu tal-proċedura	Verifika regolari ta' kemm huwa adegwat il-pjan ta' monitoraġġ
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċeduri (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	

Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella E.2.

Proċeduri għall-attivitajiet tal-fluss tad-*data*

Titlu tal-proċedura	Proċeduri għall-attivitajiet tal-fluss tad-*data*
Referenza għall-proċedura	
Deskrizzjoni tal-proċeduri (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella E.3.

Proċeduri għall-valutazzjoni tar-riskju

Titlu tal-proċedura	Proċeduri għall-valutazzjoni tar-riskju
Referenza għall-proċedura	
Deskrizzjoni tal-proċeduri (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella E.4.

Attivitajiet ta' kontroll: Assigurazzjoni tal-kwalità u affidabbiltà tat-teknoloġija tal-informazzjoni

Titlu tal-proċedura	Ġestjoni tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (eż. il-kontrolli tal-aċċess, ir-riżervi, l-irkupru u s-sigurtà)
Referenza għall-proċedura	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għaż-żamma tad-*data* jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema użata (fejn dan ikun japplika)	

Lista tas-sistemi eżistenti rilevanti tal-ġestjoni	

Tabella E.5.

Attivitajiet ta' kontroll: Analiżijiet interni u validazzjoni tad-*data* rilevanti

Titlu tal-proċedura	Analiżijiet interni u validazzjoni tad-*data* rilevanti tal-FuelEU
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella E.6.

Attivitajiet ta' kontroll: Korrezzjonijiet u azzjonijiet korrettivi

Titlu tal-proċedura	Korrezzjonijiet u azzjonijiet korrettivi
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċeduri (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella E.7.

Attivitajiet ta' kontroll: Attivitajiet esternalizzati (jekk dawn ikunu applikabbli)

Titlu tal-proċedura	Attivitajiet esternalizzati
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċeduri (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella E.8.

Attivitajiet ta' kontroll: Dokumentazzjoni

Titlu tal-proċedura	Dokumentazzjoni
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċeduri (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

PARTI F

INFORMAZZJONI ULTERJURI

Tabella F.1.

Lista ta' definizzjonijiet u abbrevjazzjonijiet

Abbrevjazzjoni, akronimu, definizzjoni	Spjegazzjoni